**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 142/19**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Paul Attard)**

**Vs**

**Ahmed Hamed**

**Illum 16 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Ahmed Hamed, iben Mohamed u Aber neè Homsija, imwieled is-Sirja fl-10 ta' Awwissu 1996 u detentur ta' Passaport Sirjan bin-Numru 002-15-L038197, talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Frar tas-sena 2019, fuq il-bajja ta' San Ġorġ, fil-lokalità ta' San Ġiljan, mingħajr kunsens ikkommetta konġunġiment karnali ma' u għad-detriment ta' Patricia Morillo Lozano;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Ahmed Hamed bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi jew individwi oħra, jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża u jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, oltre l-imposizzjoni tal-piena ai termini tal-Liġi, torbot lil Ahmed Hamed b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti, kif ukoll timponi Ordni ta' Trażżin, u dan sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna ta' ħaddieħor u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, u dan ai termini ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu[1];

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni datat 9 ta' Marżu 2019[2], maħruġ fil-konfront ta' l-imputat a benefiċċju ta' Patricia Morillo Lozano;

[1] Fol. 6 tal-proċess.
[2] Fol. 8 tal-proċess.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "I" a fol. 11 sa' 19 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Patricia Morillo Lozano mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2019[3] u rat il-jeans esebit minnha - Esebit Nru. KA 110/2019 - fol. 45 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Estelle Blanc Oheo[4], Joanna Marcus De Almeine[5], Victor Palma Herrero[6] u ta' PS249 Michael Vella[7] ilkoll mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' April 2019 u rat id-dokument esebit minn Victor Palma Herrero markat Dok. "VP" a fol. 67 u 68 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1320 Shaun Axiaq[8], PC485 Matthew Borg[9], ta' Social Worker Marisa Cannataci[10] u Houto Nazmi[11] ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2019 u rat id-dokument esebit mis-Social Worker Marisa Cannataci markat Dok. "MC" a fol. 84 u 85 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Matthew Spagnol mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019[12] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MS" u Dok. "MSX" a fol. 94 sa' 95 tal-proċess, rat il-Procès-Verbal Nru. 381/19 a fol. 99 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Nicholas Felice mogħtija waqt is-seduti tal-25 ta' Ġunju 2019[13] u tat-18 ta' Lulju 2019[14] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "NF" a fol. 113 sa' 119 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2019[15] u rat ir-Relazzjoni tagħha markata Dok. "MC" a fol. 104 sa' 109 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' WPC357 Suzanne Vella[16] u ta' WPC369 Stephanie Cassar[17] mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2019 u rat ir-Relazzjoni ta' PC959 Daniel Formosa u ta' WPC369 Stephanie Cassar markata Dok. "SC" a fol. 124 sa' 139 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC959 Daniel Formosa mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2019[18] u rat is-Submission Form relattiva għal diversi samples mgħoddija lill-Espert tad-Dna Dr. Marisa Cassar esebita mill-Ispettur Joseph Xerri permezz ta' Nota ppreżentata fl-10 ta' Diċembru 2019 a fol. 174 u 175 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduti tal-5 ta' Novembru 2020[19] u tal-11 ta' Frar 2021[20] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. 1 sa' 12 a fol. 221 sa' 231 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 17 ta' Settembru 2020[21] permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikolu 198 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 412Ċ, 412D u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 6(2) tal-Kap.518 tal-Liġijiet ta' Malta;

[3] Fol. 30 sa' 44 tal-proċess.
[4] Fol. 50 sa' 54 tal-proċess.
[5] Fol. 55 sa' 59 tal-proċess.
[6] Fol. 60 sa' 66 tal-proċess.
[7] Fol. 69 sa' 71 tal-proċess.
[8] Fol. 74 sa' 77 tal-proċess u fol. 88 tal-proċess.
[9] Fol. 78 sa' 80 tal-proċess u fol. 89 tal-proċess.
[10] Fol. 81 sa' 83 tal-proċess.
[11] Fol. 86 u 87 tal-proċess.
[12] Fol. 91 sa' 93 tal-process.
[13] Fol. 100 u 101 tal-proċess.
[14] Fol. 112 tal-proċess.
[15] Fol. 102 u 103 tal-proċess.
[16] Fol. 120 u 121 tal-proċess.
[17] Fol. 122 u 123 tal-proċess.
[18] Fol. 147 u 148 tal-proċess.
[19] Fol. 198 sa' 203 tal-proċess.
[20] Fol. 207 sa' 220 tal-proċess.
[21] Fol. 195 tal-proċess.

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2020[22], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u konsegwentement inqraw l-Artikoli;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali da parte tal-Prosekuzzjoni u d-Difensur tal-Parte Civile u da parte tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Frar tas-sena 2019, fuq il-bajja ta' San Ġorġ, fil-lokalità ta' San Ġiljan, mingħajr kunsens ikkommetta konġunġiment karnali ma' u għad-detriment ta' Patricia Morillo Lozano. Huwa qed iwieġeb li ma huwiex ħati ta' din l-imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront tiegħu.

L-imputat kjarament qed jiġi akkużat bir-reat ta' stupru ai termini ta' l-Artikolu 198(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li: *kull min, mingħajr kunsens, jikkommetti konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa' tnax-il sena: Iżda penetrazzjoni bi kwalunkwe parti tal-ġisem u, jew oġġett għandha titqies kompluta hekk kif jinbeda l-konġunġiment karnali, u mhuwiex neċessarju li jinġiebu provi ta' atti ulterjuri.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi t-tifsira li l-Leġislatur irid jagħti lill-kunċett nonche att ta' konġunġiment karnali hija waħda ċara u ftit li xejn teħtieġ spjegazzjoni ulterjuri. Iżda sabiex konġunġiment karnali jikkostitwixxi r-reat ta' stupru ai termini tal-Liġi kif in vigore illum, irid ikun sar mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra. In verità l-element tal-kunsens dejjem kien element ċentrali għall-finijiet tar-reat ta' stupru. In effetti kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija v. Mark Taliana**, deċiża fis-17 ta' Diċembru 2001: *Maino, il-ġurista Taljan, fil-ktieb tiegħu Commento al Codice Penale - Vol 3 - paġni 178 u 179 jgħid: "L'indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto contro la volontà della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze del fatti che rientra nelle nozioni più ovvie della vita."*

Dejjem fir-rigward ta' l-element tal-kunsens, l-Artikolu 198(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *l-atti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni ta' l-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn.*

[22] Vide verbal a fol. 196 tal-proċess.

Mill-provi prodotti u b'mod partikolari mix-xhieda ta' Patricia Morillo Lozano[23] u mix-xhieda ta' l-imputat[24] stess għandu jirriżulta bl-ebda ombra ta' dubju li bejniethom seħħ konġunġiment karnali. In effetti l-kwistjoni ċentrali f'dan il-każ hija dwar jekk kienx hemm o meno l-kunsens ta' Patricia Morillo Lozano għal tali att - kunsens li hija tgħid li ma tatx, anzi għamlet minn kollox biex tirreżisti lill-imputat imma fl-aħħar ma irnexxilhiex u huwa għamel li kellu jagħmel, kunsens li invece l-imputat jgħid li kien hemm tant illi kienet l-istess Patricia Morillo Lozano li prattikament insistiet li jkollhom x'jaqsmu bejniethom.

Għalkemm f'dawn il-proċeduri xehdu diversi persuni, dawn kienu kollha xhieda dwar fatti li seħħew qabel jew wara l-ħin li l-imputat u Patricia Morillo Lozano kienu appartati waħdehom ħdejn il-baħar u hemm seħħet l-attività sesswali bejniethom. X'ġara fil-ħin li huma kienu hekk waħdehom ħdejn il-baħar u kellhom x'jaqsmu ma' xulxin jistgħu jgħiduh biss l-istess Patricia Morillo Lozano u l-imputat. Il-verżjonijiet mogħtija minnhom huma opposti għal xulxin fejn, kif già iktar 'l fuq osservat, waħda tgħid li l-imputat sturpaha fil-waqt li l-ieħor jgħid li dak li ġara bejniethom kien att konsenzjenti, anzi kienet hi li insistiet li jkollhom x'jaqsmu flimkien. Addirittura lanqas jaqblu bejniethom dwar fejn seħħ l-att: b'waħda tgħid li kienu fuq il-Bajja ta' San Ġorġ filwaqt li l-ieħor jgħid li kienu fuq il-blat ħdejn id-Dragonara.

Ma huwiex affattu infrekwenti li fi proċeduri ġudizzjarji - inklużi għalhekk proċeduri kriminali - il-Qorti jkollha quddiemha fatti li joħorġu mill-provi li ma jaqblux u anke verżjonijiet mogħtija mix-xhieda li ma jaqblux ma' xulxin, jekk mhux addirittura l-oppost ta' xulxin. F'dan il-każ partikolari l-Qorti għandha, dwar il-fatt ċentrali tal-każ nonche l-element ċentrali tar-reat li bih qed jiġi akkużat l-imputat, il-kelma ta' Patricia Lozano Morillo minn naħa l-waħda kontra l-kelma ta' l-imputat minn naħa l-oħra. Il-kunflitt ta' provi però mhux neċessarjament għandu jwassal pratikament b'mod awtomatiku għall-liberatorja ta' l-imputat imma l-Qorti tista' tagħżel li tagħti kredibilità lil verżjoni waħda u tiskarta l-oħra u dana anke billi tikkonsidra mhux biss il-mod kif xehdu l-persuni konċernati imma anke l-assjem tal-provi l-oħra prodotti, inklużi dawk il-provi li huma ċirkostanzjali. Hekk kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne**, deċiza fid-9 ta' Lulju 2003, *mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għall-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u tasal għall-konklużżjoni dwar lil min trid temmen u f'hi ser temmnu jew ma temmnux.*

L-Artikolu 637 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *l-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630[25], 633[26] u 636[27], jolqtu biss il-kreddibilità tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ: Iżda attenzjoni partikolari għandha tingħata sabiex jiġi assigurat li evidenza relatata mal-istorja u l-imġiba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u neċessarja.*

[23] Xhieda mogħtija waqt is-sedyta ta' l-20 ta' Marzu 2019, fol. 30 sa' 44 tal-proċess.
[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2020, fol. 198 sa' 203 tal-proċess.
[25] Età tax-xhud.
[26] Interess tax-xhud.
[27] Kompetenza tax-xhud minħabba l-fatt li qabel kien ġie misjub ħati u fatturi oħra.

Fir-rigward tal-livell u kwalità tal-prova li trid issir fi proċedimenti ta' natura penali, issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Clifford Bugeja, Appell Nru. 196/19** deċiża fil-5 ta' Diċembru 2019: *il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija. Dawn il-provi però jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalità, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat. Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Dawn ix-xiehda jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament. Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġiu mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx sema' lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment però, jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, "sure" bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż, li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitressqu quddiemha. Il-grad ta' sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' issib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż Majid, Lord Moses stqarr hekk : Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty. Inoltre, fil-ktieb tagħhom* ***The Modern Law on Evidence****, Adrian Keane u Paul McKeown jgħidu s-segwenti: In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is*

*simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty. Illi din it-tifsira mhix aljena għall-ġurisprudenza Maltija in kwantu anke l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien xi drabi jagħmel riferenza għal-kunċett tas-sikurezza meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.*

Fil-każ in eżami kif già osservat iktar 'l fuq ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li bejn l-imputat u Patricia Morillo Lozano kien hemm l-att ta' konġuġiment karnali, kif intiż fil-Liġi nostrali, in kwantu t-tnejn li huma s'hemmhekk jaqblu bejniethom. Apparte minn hekk in segwitu għall-analizi u komparazzjoni tad-DNA estratt mill-kampjuni intimi ta' Patricia Morillo Lozano, mill-kampjun orali ta' l-imputat u mill-kampjun li ittieħed minn Dok 19ALR201, konsistenti f'qalziet ta' taħt ta' lewn skur misjub ġewwa *laundry basket* fil-kamra tas-sodda ta' Patricia Morillo Lozano, l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar ikkonkludiet is-segwenti: *mill-kampjuni intimi tal-vittma u l-kampjun li ttieħed mill-qalziet ta' taħt ħareġ profil ġenetiku mħallat. Meta saret analizi ta' komparazzjoni, profil ġenetiku tal-vittma mhux imħallat ma kienx hemm u għalhekk il-profil ġenetiku li jidher imħallat ma' dak ta' Ahmed Hamed qed jiġi imsejjaħ "Peruna oħra". Meta wieħed jikkonsidra l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun "Vulval Swab", l-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ minn dan il-kampjun jaqbel ma' ta' Ahmed Hamed u persuna oħra hija 202 drabi iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun jaqbel ma' ta' żewġ persuni oħra fil-popolazzjoni. Meta wieħed jikkonsidra il-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun "High Vaginal Swab" l-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ minn dan il-kampjun jaqbel ma' ta' Ahmed Hamed u persuna oħra hija 71 drabi iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun jaqbel ma' ta' żewġ persuni oħra fil-popolazzjoni. Meta wieħed jikkonsidra l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun " Vaginal Wash" l-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ minn dan il-kampjun jaqbel ma' ta' Ahmed Hamed u persuna oħra hija 13 iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun jaqbel ma' ta' żewġ*

*persuni oħra fil-popolazzjoni. Meta wieħed jikkonsidra il-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun '19ALR201', l-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ minn dan il-kampjun jaqbel ma' ta' Ahmed Hamed u person oħra hija 77 iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun jaqbel ma' ta' żewġ persuni oħra fil-popolazzjoni*[28].

Fir-rigward ta' dak li seħħ dak il-lejl, ossia fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Frar 2019, Patricia Morillo Lozano ddikjarat is-segwenti: *the 23rd February was my birthday so I made a party at my house with my friends and then around one, one and a half of the 24th February we went to Paceville and we went to Footloose where I met that person. We stayed there all the night till three or four dancing with my friends, girls having fun. … The thing is that I remember all the night, I mean on that day I was with my friends and I was talking with people. When I go out I always like talking with people when you're just having fun, and I don't know exactly what I told him. … I remember all the night except for the moment that I started to talk with him and I remember that he was like Iranian. I was near the beach, relaxed and I was not thinking. I mean he didn't force me, I was just talking with him as if I was talking with a girl whoever. I was not worrying about anything and my next clear memory is the moment when it was happening because a moment before it was fine, and the next moment, everything happened so quickly and I remember perfectly everything that happened till that moment which actually I would not like to remember. So I was on the beach, he pushed me to the sand I was like surprised and I started to scream and started to ask him, "what are you doing?" I mean I was so nervous, everything happened so quickly when I realised what was going to happen. …*

Hija saħqet li l-imputat ma sfurzahiex biex tmur ħdejn il-baħar miegħu u sakemm kienu qed jitkellmu hemm għall-ewwel ħassitha komda u ma kien hemm xejn x'jindika li kien se jiġrilha xi ħaġa u ddikjarat *yes he did not force me till that point, it was like talking normally with somebody without expecting anything weird to happen so I just walked with him. … Till that moment I didn't realise what was going to happen. I was not believing that that was happening, yes he pushed me and I started to scream and I started to ask him "what are you doing?" "why are you doing this?" I mean "why did you push me?" and he just broke my trousers and tried to put it out but he didn't take it completely because I had my converse. He put my trousers and underwear down and I was like trying to defend myself, I tried to beat him and I did not open my legs and tried to close them and I had some slight damage to my knees. I was on the floor screaming, trying to beat him and he started to rape and there was nobody there and it started to rain. It was on the day of the storm so in that moment there was no one to hear me and when I tried to scream he pushed my face all the time to the sand. I was trying to push and beat him and he forced me more so after ten minutes I was completely full of damage and on the face and scratches with the small rocks in the sand. He tried to rape me and at the beginning it was not a complete penetration because I was all the time forcing and moving trying to stop it. After that I tried to fight with him. I just remember his weird, creepy slime as he was smiling all the time and he said nothing. He was all the time smiling in a crazy way, not laughing but smiling. It was completely like a mess, that creepy and crazy smile looking at me. So after that I stopped to resist. He stopped when he finished and he stroked my arm and let me completely disoriented, screaming and crying and I didn't know where I was because it was my first week in Malta but I know perfectly how to arrive to Paceville so I just*

[28] Dok. "MC" a fol. 104 sa' 107 tal-proċess.

*put my bag in front of my trousers which was broken which I brought here with me* – Dok. "X" – *I was all the time saying "please stop, please stop, why are you doing this to me? I did nothing, please stop". I also tried to ask for help but I lost my voice and the next day I couldn't talk, I had no voice completely, those ten minutes I lost my voice completely when I kept asking him "please stop, why do you keep doing this please stop".*

Fir-rigward ta' grieħi sofferti minnha, Patricia Morillo Lozano ddikjarat *I had small cuts on my face because of the sand, I had pain in the jaw, I mean you couldn't see it but I had pain in the head. ... I couldn't sleep for one week. ... the back of my head was completely full of cuts and I still have one big cut in my collar and I had blood in that moment and also my shirt which I was wearing on that day was with blood. The next day I had pain in my knee because he was trying to open it and I had pain mainly in my back and I couldn't sleep on the bed for one week. I tried to beat him he pushed me hard on my face and I bit him in the hand and all the time he was resisting and he was not changing that smile, creepy smile all the time but trying to beat him was not enough and he was going up with my pushes. I had a lot of haematomas in my arm and you can perfectly see the fingers and I have one big one here* - ix-xhud indikat id-driegħ tal-lemin. Patricia Morillo Lozano kompliet tgħid illi *I spent one minute crying because I didn't know what to do in that moment. I didn't have my phone in that day because I had no battery, so I was completely disoriented and I didn't know where I was, it was raining so I was completely wet and I just tried to put on my trousers and my bag in front of me to try not to show what happened and I went to Footloose trying to find some friends. Actually I didn't know if they were still there but as I arrived there my friend Joanna was going out of the club and I didn't even need to enter, I just phoned her. She saw me with the face completely wet, with my hair completely crazy and I started to cry and to hug her and in that moment I saw my friends Eileen, my friend Max and his friend Marcus, my friends Victor and Estella who went out to Paceville and they were trying to console me and I didn't even tell them what happened. I told them once and I couldn't speak more. I told them that somebody raped me and started crying and crying and they were trying to console me. Then Estella outside Footloose told me that she was going to ask for a taxi to go home and she came with me and my house.*

B'rabta ma' dan il-każ u ma' dak minnha allegat fil-konfront ta' l-imputat, Patricia Morillo Lozano ġiet eżaminata minn Dr. Nicholas Felice, Ostetriku u Ġinekologu, illi kien maħtur bħala Espert Mediku fl-Inkjesta li nfetħet relattiv għal dan il-każ. Huwa eżamina lil Patricia Morillo Lozano fl-24 ta' Frar 2019 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħaxija u kkonstata u ikkonkluda s-segwenti: *Dettalji ta' l-allegat attakk*: *ir-reat seħħ fl-24 ta' Frar 2019 fl-4 ta' filgħodu f'Paceville "The Beach". L-attakkant ma kienx jaf lill-vittma. Patricia tiddikjara li l-attakkant imbuttaha ma' l-art. Hija rreżistiet u ippruvat taħrab. Ma ntużat l-ebda arma. Waqt l-attakk: huwa barax in-naħa tax-xellug ta' wiċċha; girfilha dahra; qatta' l-qalziet ta' taħt tagħha waqt li ġibidulha 'l isfel. Seħħet penetrazzjoni vaġinali mingħajr protezzjoni. Ma saret l-ebda penetrazzjoni anali jew orali. Wara l-allegat attakk: Il-vittma kienet liebsa jeans blu ċar, qmis blu bil-kmiem twal u ġakketta ħadra. Qabel l-eżami hi biddlet il-ħwejjeġ tagħha, ħaslet snienha u nħaslet fis-17:30. Meta eżaminajtha, il-vittma kienet qed tilmenta minn skumdità vaġinali iżda ma kienx hemm demm waqt l-eżami. Storja ġinekoloġika relevanti/storja sesswali: Il-vittma ma kelliex storja ta' mard ġinekoloġiku, ma kinitx tqila u ma użat l-ebda forma ta' kontraċezzjoni. Il-vittma kienet attiva sesswalment u l-aħħar episodju*

*ta' kopulazzjonni tagħha kien f'Ġunju 2018. It-test tat-tqala kien negattiv. Storja medika/kirurġika tal-passat: Nil. Eżami: Is-sinjali vitali kienu normali. Head to Toe Survey - Rasha - uġiegħ wara l-widna tax-xellug. U kellha uġiegħ fuq il-parti ta' wara tal-qorriegħa fuq iż-żewġ naħat. Wiċċ - erba' marki superfiċjali ta' grif fuq ix-xellug tal-wiċċ. Dahar - grif superfiċjali. Girfa waħda superfiċjali ta' tlettax-il millimetru (13mm) mingħajr demm. Taħt id-dahar - tbenġilha fuq in-naħa tal-lemin (żewġ ċentimetri x centimetru). Id-dirgħajn - tlett tbenġil fuq id-driegħ tax-xellug (x3). Żewġ tbenġil fuq id-driegħ tal-lemin (x2). Żaqqha - girfa superfiċjali ta' ċentimetru fiż-żona suprapubika. Saqajn - tbenġil fuq in-naħa ta' barra tal-koxxa tal-lemin ċentimetru x ċentimetru u żewġ ċentimetri x tlett ċentimetri (1x1 u 2x3cm). Fuq il-pexxun tax-xellug kellha tbenġil - medjali ta' ċentimetru x ċentimetru (1x1cm). Anterjuri ta' ċentimetru x ċentimetru (1x1cm). Laterjali ta' żewġ ċentimetri x żewġ centimetri (2x2cm). Eżami vaġinali estern - eżami normali, l-ebda sinjal ta' trawma preżenti. Swabs meħuda skond il-protokoll - kontrolli, vulva, min-naħa ta' ġewwa tal-vaġina. Min-naħa ta' barra tal-vaġina. Ħasil vaġinali. Eżami vaġinali intern: eżami normali, l-ebda sinjal ta' trawma preżenti. Eżami anali - eżami normali, l-ebda sinnjal ta' trawma preżenti[29].*

Fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti nhar it-18 ta' Lulju 2019, l-Espert Mediku Dr. Nicholas Felice ddikjara li *l-konklużjoni tiegħi mill-evidenza li kelli ma sibt ebda evidenza ta' trauma sesswali[30].*

Il-konstatazzjonijiet u konklużżjonijiet raġġunti mill-Espert Mediku Dr. Nicholas Felice - partikolarment il-konklużjoni ċentrali tiegħu li ma sab ebda evidenza ta' trauma sesswali - kjarament ipoġġu fid-dubju dak allegat minn Patricia Morillo Lozano fil-konfront ta' l-imputat u dwar dak li seħħ bejniethom. Meta l-istess Patricia Morillo Lozano ddikjarat illi hija rreżistiet kemm felħet lill-imputat waqt li kien qed jipprova jisforza ruħu fuqha u damet hekk tirreżistih għal xi għaxar minuti, huwa ferm stramb li meta ġiet eżaminata mill-Espert Mediku Dr. Nicholas Felice ġew riskontrati biss ġrieħi ta' natura supferiċjali u, iktar minn hekk, ma ġie riskontrat l-ebda trauma sesswali, la estern u lanqas intern. In oltre, in kwantu rigwarda l-ġrieħi li kellha Patricia Morillo Lozano meta din ippreżentat ruħha għall-eżami ġinekoloġiku, jiġi osservat li għalkemm ġew riskontrati tali ġrieħi, liema ġrieħi ġew anke ffotografati mis-Scene of Crime Officer WPC357 Suzanne Vella[31], il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li tistabilixxi bħala fatt ippruvat li dawn il-ġrieħi huma effettivament kompatibbli ma' u riżultat ta' reżistenza da parte ta' persuna waqt li ħaddieħor qed jipprova jisforza ruħu fuqha, ossia li huma effettivament kompatibbli ma' sitwazzjoni ta' stupru kif imfisser fil-Liġi.

Il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li l-Prosekuzzjoni u d-Difensur tal-Parte Civile fis-sottomissjonijiet finali tagħhom ma għamlux referenza ghall-konklużjonijiet ta' l-Espert Mediku Dr. Nicholas Felice imma saħqu l-iktar fuq il-fatt li ġew riskontrati ġrieħi fuq Patricia Morillo Lozano, mingħajr però ma kkummentaw wisq fuq il-fatt li dawn kienu superfiċjali minkejja dak allegat minn l-istess Patricia Morillo Lozano dwar il-mod kif hi ippruvat tirreżisti b'kemm tiflaħ lill-imputat, u fuq ix-xhieda mogħtija mill-ħbieb ta' Patricia Morillo Lozano wara li din reġgħet telgħet tiltaqa' magħhom ħdejn Footloose. Filwaqt li huwa veru li dawn ix-xhieda kollha spjegaw l-istat skonthom ta' *shock* qawwi u aġitazzjoni kbira li kienet fih Patricia Morillo Lozano, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li minkejja tali stat li allegatament kienet fih din Patricia Morillo Lozano huma

[29] Dok. "NF" a fol. 113 sa' 119 tal-proċess.
[30] Fol. 112 tal-proċess.
[31] Relazzjoni a fol. 7 tal-Procès-Verbal 381/19, a fol. 99 tal-proċess.

sempliċement illimitaw ruħhom iwassluha d-dar u jħalluha hemm waħdeha u ħadd minnhom, lanqas it-tfjaliet ħbieb tagħha, ma għadda il-lejl magħha biex iduru biha. Dan il-fatt fil-fehma tal-Qorti jikkozza ħafna mad-deskrizzjoni li huma taw tal-mod u l-istat li fih sabu lil Patricia Morillo Lozano u jimpinġi serjament fuq il-kredibilità tagħhom. In kwantu rigwarda l-istat tal-ħwejjeġ tagħha u l-apparenza tagħha, il-Qorti ftit li xejn għandha xi tgħid in kwantu mill-provi prodotti rriżulta b'mod ċar ħafna li dakinhar tal-lejl bejn it-23 u l-24 ta' Frar 2019 kien maltemp qawwi u fl-aħħar mill-aħħar Patricia Morillo Lozano u l-imputat appartaw ruħhom fil-miftuħ ħdejn il-baħar, fatt dawn li fi kwalunkwe każ u ċirkostanza se jwassal biex persuna tispiċċa imxarba u kiesħa u bil-ħwejjeġ imħarbtin, anke jekk l-att sesswali seħħ b'mod konsenzjenti.

Apparte x-xhieda ta' sħab Patricia Morillo Lozano, liema xhieda jiġi ribadit ma tantx hija kredibbli għaliex, jiġi enfasizzat, jekk persuna verament kienet fl-istat minnhom deskritt, żgur mhux lok li wieħed jillimita ruħu li jwassalha d-dar u jħalliha hemmhekk waħedha għall-kumplament tal-lejl, il-Prosekuzzjoni u d-Difensur tal-Parte Civile jibbażaw il-kwistjoni kollha tan-nuqqas ta' kunsens ta' Patricia Morillo Lozano għall-att sesswali perpetrat fuqha mill-imputat mal-fatt illi dakinhar tal-każ hija kienet xurbana. Huma evidentement qed jibbażaw ruħhom fuq dak provdut fl-Artikolu 198(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *l-atti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni ta' l-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn.* Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tyson Grech**, deċiża fid-29 ta' Settembru 2021, *din id-definizzjoni hija maħsuba biex tiffoka fuq il-kunsens liberu u fuq l-awtonomija tas-soġġett passiv tar-reat, li huma ingredjenti essenzjali tal-kunsens li n-nuqqas tiegħu jifforma wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat ta' stupru.*

Fir-rigward ta' l-element tal-kunsens fil-kuntest tar-reat ta' stupru, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Magro** deċiża fid-29 ta' Novembru 2018, osservat illi: *l'elemento che deve essere accertato per affermare la sussistenza di un reato contro la libertà sessuale individuale, è l'assenza di volontà e consenso al momento del compimento degli atti. Qualora dalle circostanze del caso, la persona offesa non poteva dirsi cosciente e, dunque, consenziente, il delitto si configura, a prescindere da come e da chi abbia provocato lo stato di incoscienza della vittima, la quale potrebbe essersi posta in tale condizione, anche volontariamente. La pronuncia si pone dunque in linea con la giurisprudenza ormai pacifica in materia, che intende tutelare al massimo la libertà personale - in cui rientra la sfera sessuale - dell'individuo, colpendo i fatti che aggrediscono la persona, e fornendo un'interpretazione delle disposizioni normative che possa garantire la massima protezione. ... Lo stato d'ebbrezza, ancorché autoindotto, pone la persona offesa in una posizione di svantaggio e di menomazione, tale da non poter esprimere un<<valido consenso (la capacità) al rapporto sessuale>>. Per tale motivo, è integrato il reato di violenza sessuale (non aggravato), giacché la vittima verteva in condizioni d'inferiorità tali da essere incapace di autodeterminarsi e, dunque, di acconsentire al rapporto. F'deċizjoni mogħtija mill-Corte di Cassazione f'każ analogu ingħad: Integra il reato di violenza sessuale con abuso delle condizioni di inferiorità psichica o fisica (art. 609 bis, comma secondo, n. 1, c.p.) la condotta di chi si congiunga carnalmente con una donna addormentatasi a seguito di ingestione di sostanze alcoliche, essendo*

*l'aggressione alla sfera sessuale della vittima connotata da modalità insidiose e fraudolente.*

Għalkemm din is-sentenza ngħatat qabel ma l-Artikolu 198 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat, nonche sostitwit bl-Att XIII ta' l-2018, ma għandux ikun hemm dubju li dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fl-imsemmija sentenza japplika anke llum. Detto ciò però din il-Qorti hi tal-fehma li persuna li tkun ikkunsmat xorb alkoħoliku mhux neċessarjament għandha titqies li kienet fi stat ta' *ebrezza* tali li jeffettwalha l-volontà libera u b'hekk il-kunsens tagħha. Mhux kull persuna li tikkonsma xorb alkoħoliku tista' titqies b'mod awtomatiku li tkun f'sakra tali li titqies li ma tistax tagħti l-kunsens liberu u volontarju tagħha u dana billi ċ-ċirkostanzi jiddependu fuq kemm ikun ġie kkunsmat xorb alkoħoliku u kemm l-individwu jkun jiflaħ għax-xorb alkoħoliku. Dak li l-Qorti qed tgħid in poce parole hu li għaliex persuna li kellha attività sesswali ma' persuna oħra f'serata fejn tkun ikkunsmat xorb alkoħoliku ma tistax u ma għandhiex titqies b'mod awtomatiku li ma tatx il-kunsens liberu u volontarju tagħha għal tali attività sesswali.

Dwar il-kunsens o meno tal-vittma f'każijiet ta' stupru Blackstone jgħid hekk: *Capacity is an integral part of the definition of consent. A valid consent can only be given by a person who has the capacity to give it. ... Common-law principles that developed under the old law suggest that a complainant will not have had capacity to agree by choice where her understanding and knowledge were so limited that she was not in a position to decide whether or not to agree (Howard (1965) 50 Cr App R 56). This may arise in a variety of different circumstances; for instance, when a complainant is suffering from some forms of mental disorder, very young or intoxicated by alcohol or drugs.*

Fir-rigward ta' kif il-konsum ta' alkoħol jew drogi għandu jitqies li jeffettwa l-kunsens tal-persuna konċernata, Blackstone jgħid ulterjorment illi: *(a) Consumption of alcohol or drugs may cause someone to become disinhibited and behave differently. If she is aware of what is happening, but the consumption of alcohol or drugs has caused her to consent to activity which she would ordinarily refuse, then she has consented no matter how much she may regret it later. A drunken consent is still a consent if a person has the capacity to make the decision whether to agree by choice. (b) However, if a complainant becomes so intoxicated that she no longer has the capacity to agree, there will be no consent. Clearly she will not have the capacity to agree by choice where she was so intoxicated through drink or drugs, and her understanding and knowledge are so limited that she was not in a position to decide whether or not to agree. (This relates to understanding and knowledge of what is going on, as opposed to the quality of the decision-making.) (c) A person may reach such a state without losing consciousness. For instance, she may be in a state where she knows that she does not want to take part in any sexual activity with someone, but she is incapable of saying so. Alternatively, she may have been affected to such a degree, that, whilst having some limited awareness of what is happening, she is incapable of making any decision at all. (d) If a person is asleep or has lost consciousness through drink or drugs, she cannot consent, and that is so even though her body responds to the accused's advances.*

Fil-każ in eżami, għad illi l-Prosekuzzjoni u d-Difensur tal-Parte Civile jikkontendu li Patricia Morillo Lozano ma kenitx fi stat li tagħti l-kunsens liberu u volontarju tagħha għal atti sesswali ma' l-imputat għaliex kienet fis-sakra, mix-xhieda ta' l-istess Patricia Morillo Lozano jirriżulta li għalkemm dakinhar tal-lejl bejn it-23 ta' Frar u l-24 ta' Frar

2019 hija kienet xorbot, ma kenitx fi stat ta' sakra tali li ma kenitx taf x'inhi tagħmel, anzi hija stess iddikjarat li għad illi xorbot, xorta qagħdet attenta kemm tixrob għaliex riedet tibqa' fi stat ta' kontroll tas-sitwazzjonijiet tagħha. In effetti in kontro-eżami, mistoqsija *were you drunk?* Patricia Morillo Lozano wieġbet *of course I was a little bit drunk because I was in a place but I did not drink that much because I wanted to control everything. Then we arrived to the club and my friends asked for some shots and I asked for some drink which I was actually sharing all the time with one friend, but yes so I was a bit drunk.*

Il-fatt li Patricia Morillo Lozano ma kenitx fi stat ta' sakra tali li ma kenitx taf x'inhi tagħmel u li kien dan l-istat ta' sakra li wassal għan-nuqqas ta' kunsens da parte tagħha, jirriżulta ukoll mill-verżjoni tal-fatti mogħtija minnha. Hija qatt ma allegat li ma kenitx konxja ta' dak li kienet qed tagħmel u ta' dak li kien qed jiġrilha, anzi piuttost il-kuntrarju. Hija marret ħdejn il-baħar ma' l-imputat, u dana, fi kliemha stess mingħajr ma hu ġiegħla tmur hemm miegħu, kienu qed jitkellmu u sa' dak il-ħin kienet komda u rilassata iżda imbagħad, dejjem skontha, l-imputat imbuttaha ma' l-art u sforza ruħu fuqha, fejn hi għamlet minn kollox biex tirreżitih. Huwa evidenti li n-nuqqas ta' kunsens da parte tagħha Patricia Morillo Lozano qed torbtu mar-resistenza tagħha għall-isfurzar ta' l-imputat fuqha u mhux ma xi fattur ieħor, tipo li kienet fis-sakra u ma kenitx taf x'qed tagħmel jew x'qed jiġrilha. Din ir-resistenza però u b'hekk dan nuqqas ta' kunsens ma jirriżultawx mill-provi prodotti għaliex kif già osservat iktar 'l fuq, l-istat mediku u fiżiku ta' Patricia Morillo Lozano meta ġiet invistata mill-Espert Mediku Dr. Nicholas Felice wara l-inċident in kwistjoni, assolutament ma jirrispekkjawx u ma jikkombaċawx mal-verżjoni tal-fatti mogħtija minnha u ma l-allegata reżistenza tagħha għall-imputat. Jiġi mfakkar li a bażi ta' l-evidenza li kellu u li sab l-Espert Mediku Dr. Nicholas Felice kkonkluda li ma sab l-ebda evidenza ta' trauma sesswali.

Fl-assjem ta' dan kollu osservat għalhekk, il-Qorti tqis li ma tistax tasal għall-konklużjoni, wisq inqas għal konklużjoni 'l hinn minn kull dubju raġonevoli, li fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Frar 2019, l-imputat, mingħajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali ma' Patricia Morillo Lozano. Konsegwentement għalhekk, ma tistax issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah mill-imputazzjoni hekk dedotta kontrih.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**